Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Talba Numru. 238/2011

**Alfsons Enterprises Limited – C-20428**

**vs**

**Gaetan Micallef, u b'digriet datat 13 ta' Mejju 2011 gie kjamat in kawza Anthony Cremona (ID-238771M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas tas-somma ta' erba' mija disgha u disghin Eero u tletin centezmu (€499.30c), ammont dovut ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra legali tas-7 ta' Jannar, 2011 u tal-4 ta' Frar, 2011 u bl-imghax legali mis-6 ta' Settembru, 2010, data tal-konsenja sal-effettiv pagament, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenut qatt ma ghamel l-ordni kontenuta fl-avviz imma kien certu Anthony Cremona li ghamel din l-ordni fuq talba tieghu stess u kwindi l-konvenut Gaetan Micallef m'huwiex il-legittimu kontradittur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 13 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu gie ordnat li jigi kjamat in kawza Anthony Cremona.

Ra li l-kjamat in kawza, ghalkemm gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi permezz tal-azzjoni odjerna, is-socjeta' attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ndikata fl-avviz tat-talba, u dan bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konvenut. Ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici ddikjara illi l-konvenut, flimkien ma' Anthony Cremona, li gie kjamat in kawza, kien jixtri prodotti u merkanzija minghand is-socjeta' attrici bil-ghan illi huma, mbaghad, ibieghuha mill-hanut, ossia bar bl-isem Zoners Pub gewwa l-Hamrun, li kellhom il-gestjoni tieghu. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega li ghalkemm generalment kienu jmorru l-konvenut u l-kjamat in kawza flimkien sabiex jixtru l-prodotti minghand l-istess socjeta' attrici, il-kont infetah f'isem il-konvenut wahdu bhala konsegwenza tal-prassi li tintuza mis-socjeta' attrici li kont ikun f'isem persuna wahda, u dan il-kont infetah

f'isem il-konvenut fuq struzzjonijiet li s-socjeta' attrici rceviet minghand il-konvenut stess. Illi l-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici spjega wkoll kif il-konvenut u l-kjamat in kawza kienu addottaw is-sistema illi ma' konsenja gdida ta' merkanzija, kienu jwettqu l-hlas b' lura ta' fattura li tkun ghadha pendenti. Illi fil-fatt il-fattura li dwarha qed jintalab il-hlas, hija relattiva ghall-ahhar konsenja ta' merkanzija, u li ghaliha ffirma l-kjamat in kawza.

Illi da parti tieghu l-konvenut qed jikkontendi illi, l-ammont mitlub in forza ta' din l-azzjoni mhux dovut minnu, izda unikament mill-kjamat in kawza, u dan ghaliex minkejja l-fatt illi l-gestjoni tal-hanut minn fejn kienu qed ibieghu l-prodotti li kienu qed jixtru minghand is-socjeta' attrici kien bi shab bejniethom, l-ahhar konsenja li ghaliha nharget il-fattura mertu ta' din il-kawza, giet akkwistata mill-kjamat in kawza wahdu, u dan peress illi l-konvenut ma kienx aktar involut fil-gestjoni tal-bar. Illi in sostenn ta' dan, il-konvenut jaghmel referenza ghall-fatt illi l-fattura in kwistjoni giet iffirmata unikament mill-kjamat in kawza. L-istess konvenut isostni illi hu u l-konvenut ghamlu biss madwar xahar jiggestixxu l-bar flimkien, u li l-involviment tieghu fil-gestjoni spicca xi zmien qabel il-festa ta' San Gaeatano, li tigi f'Awissu.

Ikkunsidra,

Illi ma giex kkontestat, la mill-konvenut u lanqas mill-kjamat in kawza – li ma deherx ghal ebda wahda mill-udjenzi li nzammu f'din il-kawza, u lanqas ma kkontesta l-azzjoni mressqa kontrih – illi l-merkanzija elenkata fil-fattura li tinsab a fol. 17 u 18 tal-atti giet effettivament mibjugha u kkonsenjata, u dan anke in bazi tal-fatt illi l-konvenut gharaf il-firma tal-kjamat in kawza fuq l-istess fattura; illi l-unika kontestazzjoni mressqa mill-konvenut hija illi hu mhux il-legittimu kontradittur, u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, ghaliex minkejja l-fatt illi tali fattura hija intestata lilu, hu ma kienx ghadu involut fil-gestjoni ta' Zoners Pub meta giet akkwistata din il-merkanzija, u li ghalhekk m'ghandux jigi kkundannat ihallas ghaliha.

Illi bhala stat ta’ fatt, irrizulta illi kien hemm zmien meta l-konvenut u l-kjamat in kawza kienu qed jiggestixxu l-hanut, ossia bar bl-isem Zoners Pub gewwa l-Hamrun, flimkien. Illi skond id-deposizzjoni li nghatat mill-konvenut, hu dam involut fil-gestjoni ta’ dan il-bar ghal perjodu ta’ madwar xahar. Illi minn ezami tar-rendikont li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici (a fol. 16) madanakollu jirrizulta illi kien hemm bilanc pendenti qabel Jannar 2010, li gie saldat sa Lulju tal-istess sena, u imbaghad f’Awissu u Settembru 2010, inhargu tliet (3) fatturi f’isem il-konvenut.

Illi ghalkemm il-konvenut qed jikkontendi illi hu ma ghandu ebda konnessjoni mal-ahhar fattura, u dan ghaliex ma kienx ghadu nvolut fil-gestjoni tan-negozju, ma ngabet ebda prova minnu in sostenn ta’ din l-allegazzjoni. Illi li kien minnu li l-konvenut ma kienx ghadu involut fil-gestjoni tan-negozju meta nharget din l-ahhar fattura, kien jaccerta ruhu u jaghti l-istruzzjonijiet opportuni sabiex l-akkontijiet li seta’ kien hemm intestati f’ismu personali mad-diversi fornituri, jinghalqu, u ma jibqghux jintuzaw. Illi gialadarba s-socjeta’ attrici ma nghatat ebda struzzjonijiet sabiex ma twettaqx aktar bejgh ta’ merkanzija fuq dan il-kont partikolari - li a bazi ta’ informazzjoni li nghatat mill-konvenut infetah f’isem il-konvenut stess - allura ma tistax tigi meqjusa li kienet taf illi r-relazzjoni kummercjali bejn il-konvenut u l-kjamat in kawza kienet spiccat, kif qed jigi allegat mill-konvenut. Illi ghalhekk, u in kwantu din l-azzjoni tittratta dwar kreditu li huwa dovut lis-socjeta’ attrici in bazi ta’ relazzjoni kummercjali li l-konvenut stess ikkonferma li kienet bi shab bejnu u l-kjamat in kawza, allura l-konvenut ma jistax jigi ezonerat mill-hlas tas-somma relattiva ghal din il-fattura partikolari, stante li ma giex sodisfacentement ippruvat illi hu ma kienx ghadu involut fil-gestjoni tal-hanut meta inxtrat il-merkanzija in kwistjoni. Illi dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni li tista’ tkun talvolta proposta mill-konvenut ghal refuzjoni tas-somma in kwistjoni minghand il-kjamat in kawza, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut,  jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat in kawza solidalment bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija disgha u disghin Ewro u tletin centezmu (€499.30c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez ta' din il-kawza jkunu a karigu tal-konvenut u l-kjamat in kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------